European Platform
tackling undeclared work

#Rights4AllSeasons
#EU4FairWork

# GWIDA DWAR IX-XOGĦOL STAĠONALI DDIKJARAT

ela.europa.eu/en/campaigns/rights-for-all-seasons

## INTRODUZZJONI

Inti ħaddiem staġonali?
Kun ċert(a) li taf kollox dwar id-drittijiet tiegħek!

Li tifhem id-drittijiet tiegħek jista' jkun ta' sfida, speċjalment meta taqsam il-fruntieri għal xogħol staġonali. Fortunatament, l-UE tipproteġi lill-ħaddiema kollha billi tistabbilixxi standards minimi tax-xogħol fis-27 Stat Membru kollha tal-UE. F'dan il-fuljett, se titgħallem dwar id-drittijiet tiegħek bħala ħaddiem staġonali: minn termini ta' impjieg sa kundizzjonijiet tax-xogħol u aktar.

## DRITTIJIET TAX-XOGĦOL

**Kull ħaddiem staġonali ddikjarat fl-UE għandu d-dritt għal trattament ugwali f'termini ta' impjieg. Kun ċert(a) li żżomm ruħek aġġornat(a) biex tipproteġi l-interessi tiegħek!**

L-impjegatur tiegħek għandu joffrilek ftehim tax-xogħol validu li jispeċifika:

- il-post u t-tip tax-xogħol;
- it-tul tal-impjieg;
- ir-remunerazzjoni;
- is-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa jew fix-xahar;
- l-ammont ta' liv imħallas, jekk ikun hemm.

Żomm f'moħħok li inti intitolat(a) għall-istess trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tal-UE fir-rigward ta':

- it-termini tal-impjieg, inklużi l-pagi minimi, l-età tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- id-dritt għall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta;
- is-sigħat tax-xogħol;
- il-liv u l-vaganzi;
- ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

# GWIDA DWAR IX-XOGĦOL STAĠONALI DDIKJARAT

# #Rights4AllSeasons #EU4FairWork

## SIGURTÀ SOĊJALI

**Kun ċert(a) li l-ftehim tax-xogħol tiegħek jinkludi l-kopertura tas-sigurtà soċjali. Dan jinkludi, iżda mhux limitat għal, id-dritt għal:**

- Trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tal-UE fir-rigward tat-tipi differenti tas-sigurtà soċjali (mard, invalidità u xjuħija).
- Aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll pariri dwar xogħol staġonali offruti mill-uffiċċji tal-impjiegi u servizzi pubbliċi oħrajn.

## AKKOMODAZZJONI

**Għandek id-dritt għal kundizzjonijiet tal-għajxien diċenti meta dawn ikunu rranġati mill-impjegatur jew permezz tiegħu.**

- Il-kera ma għandhiex tkun eċċessiva meta mqabbla mar-remunerazzjoni netta għax-xogħol tiegħek jew għal opzjonijiet simili ta' akkomodazzjoni.
- Il-kera ma għandhiex titnaqqas awtomatikament mill-pagi.
- L-akkomodazzjoni għandha tiżgura livell ta' għajxien adegwat.
- L-akkomodazzjoni għandha tissodisfa l-istandards ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà f'dak il-pajjiż.

## ILMENTAR

**Jekk id-drittijiet tiegħek ma jiġux irrispettati, għandek kull dritt li tilmenta.**

- Ressaq ilment kontra l-impjegaturi direttament jew permezz ta' parti terza, bl-użu tal-mekkaniżmi nazzjonali applikabbli fir-rigward iżda mhux limitati għal:
  — diskriminazzjoni u trattament mhux favorevoli fuq il-post tax-xogħol minħabba n-nazzjonalità, ir-reliġjon jew l-etniċità;
  — ma tirċevix l-introjtu;
  — fastidju fuq il-post tax-xogħol.
- Gawdi mill-istess aċċess għal rimedju legali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tal-UE.

## DRITT GĦAR-RAPPREŻENTANZA

**Għandek il-libertà li tingħaqad ma' trade union jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tirrappreżenta l-ħaddiema fis-settur tiegħek.**

- Gawdi mid-dritt tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ngħaqad ma' trade union biex id-drittijiet tiegħek jiġu protetti b'mod kollettiv.
- Għandek id-dritt li tistrajkja u tieħu azzjoni industrijali.

## PUNTI TA' KUNTATT

**Aktar mistoqsijiet? Għandek bżonn l-għajnuna? Ikkuntattja lill-istituzzjonijiet li ġejjin biex tirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ix-xogħol staġonali ddikjarat:**

- Punti ta' kuntatt nazzjonali jew siti web.
- Ikkuntattja lill-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-pajjiż tiegħek, pereżembju l-ambaxxati jew il-konsulati.
- Kampanja tal-ELA biex issir taf aktar dwar id-drittijiet tiegħek.

https://twitter.com/EU_ELA
https://www.facebook.com/europeanlabourauthority
https://www.linkedin.com/company/european-labour-authority

Sib aktar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek u l-kampanja #Rights4AllSeasons Iskennja l-kodiċi QR biex iżżur is-sit web tagħna.